MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 187/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joanne Cassar**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joanne Cassar talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fl-erba' snin qabel id-data ta' l-1 ta' Novembru 1998, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1 B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediiti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,

ghamlet qliegh ta' aktar minn LM475 bi hsara ta' "England Insurance Agency Limited", u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9;

2 Approprjat ruha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm475 fdata jew kunsinnata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju, u dan ghad-dannu ta' "England Insurance Agency Limited", liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tas-somma jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Joanne Cassar hatja biss skond it-tieni imputazzjoni u kkundannata sittax-il xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali; u, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H ta' l-istess Kodici obbligatha sabiex fi zmien sitt xhur hija tirrestitwixxi lis-socjeta` England Insurance Limited [recte: England Insurance Agency Limited] is-somma ta' tlett mija u sebgha u tletin lira u erbgha w sittin centezmu (Lm337.64); u illiberatha mill-ewwel imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joanne Cassar, minnha pprezentat fil-14 ta' Ottubru, 2003, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellanti ghandha diversi aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li ma giex pruvat li hija "dawwret bi profitt" ghaliha, ossia kkonvertiet, il-flus li hija kienet irceviet minghand il-klienti tas-socjeta` assiguratrici u li ma kienitx ghaddiet lill-istess socjeta`. Fi kliem l-appellanti

**“Dan l-element ma jistax jigi prezunt izda jehtieg ukoll li jirrizulta mill-provi bil-mod kif kull element ta’ reat irid ikun ippruvat fil-kamp penali. B’hekk prova li persuna zammet jew hadet oggett li jkun gie fdat lilha taht titolu specifiku ma jikkostitwix ukoll prova fl-istess hin li din l-istess persuna approprijat ruhha minn dak l-oggett billi dawritu fi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra”**

L-appellanti, pero`, m’ghandhiex ragun. Trattandosi ta’ flus, jekk ikun jirrizulta li persuna, li kellha l-obbligu li tirrestitwixxi dawk il-flus, tkun naqset milli taghmel hekk, dik in-non-restituzzjoni tammonta ghal konsumazzjoni ossia konversjoni ta’ dawk il-flus fin-nuqqas ta’ xi spjegazzjoni -- imqar fuq bazi ta’ probbabilita` -- da parti dik l-istess persuna ghala dawk il-flus ma gewx jew ma jistghux jigu restitwiti, ez. ghax gew distrutti jew ghax intilfu. Fi kliem Luigi Majno:

**Trattandosi di somme di denaro l’accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; la negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l’impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario. (*Commento al Codice Penale Italiano*, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).**

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel qorti li dak li ghamlet l-appellanti ghamlitu deliberatament u mhux bi traskuragni jew negligenza. L-ammonti involuti – Lm75, Lm25, Lm25, Lm75, Lm25, Lm150, Lm100 – ma humiex tali li wiehed, meta dawn jispiccaw f’idejh, ma jindunax bihom.

Aggravju iehor ta’ l-appellanti hu fis-sens li kullma gie ppruvat hu li kien hemm xi okkazjonijiet meta l-flus li

hija kienet tigbor f'gurnata partikolari ma kienitx tirregistrahom fir-*records* tal-*claim* relattiva f'dik l-istess gurnata. Anke hawn din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellanti. Il-provi juru li kien hemm mhux anqas minn seba' okkazzjonijiet meta l-appellanti, wara li harget ricevuta manwali flok bil-*computer*, qatt ma rregistrat l-ammont fir-*records* tal-*claim* relattiva. Anqas ma tista' l-appellanti tistrieh fuq dak li xehdet il-persuna li kienet inkarigata mill-*accounts* – Angele Pizzuto gia Abela – meta din qalet li hija fl-ahhar tal-gurnata kienet tqabbel ir-ricevuti (sia dawk mahruga bil-*computer* kif ukoll dawk manwali, meta dawn kienu jsiru manwalment) mal-flus li kienu jghaddula z-zewg skrivani addetti milli jircievu l-flus (wahda minnhom l-appellanti) u li ma kien hemm ebda okkazjoni fejn ir-*reconciliation* ma qablitx. Il-punt kollu hu li fis-seba' kazijiet in kwistjoni, l-appellanti harget ricevuta manwalment, irceviet il-flus, izda ma ghamlet jew halliet ebda *record* – la fil-*computer* u anqas fil-*file* relattiv – tal-pagament li kien sar mill-klient.

L-appellanti tilmenta wkoll dwar il-piena inflitta. F'dan ir-rigward l-appellanti ghandha, in parti, ragun. Is-seba' kazijiet ta' approprjazzjoni bla jedd sehhew qabel l-emendi introdotti bl-Att III ta' l-2002, meta allura il-piena skond l-Artikolu 294 kienet ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 (reat kontinwat) tal-Kap. 9, il-parametri tal-piena jitilghu ghal minimu ta' disa' xhur u massimu ta' sentejn. L-ewwel qorti, pero`, ma jidhirx li kellha f'rasha li zzid il-grad jew zewg gradi skond l-Artikolu 18 – infatti dana l-artikolu ma jissemma mkien fis-sentenza appellata – zieda li fi kwalunkwe kaz hi fakoltativa (*"…il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi."*). Dak li jidher li gara hu li l-ewwel qorti hadet il-piena skond l-Artikolu 294 kif inhu llum, u kien ghalhekk li applikat piena ta' sittax-il xahar prigunerija. Din il-Qorti ma trid b'ebda mod tmminimizza dak li ghamlet l-appellanti. Hija kienet impjegata f'kariga ta' fiducja u ta' responsabbilta` u, per di piu`, inkarigata proprju milli tigbor flejjes dovuti lis-socjeta` assiguratrici. Mill-banda l-ohra, l-ammont involut, sia jekk wiehed jiehu l-incidenti separatament kif ukoll jekk wiehed jiehu l-ammont globali, ma kienx jimmerita piena ta' sittax-il

xahar prigunerija. Mill-fedina penali aggornata jidher ukoll li l-appellanti qatt ma kellha xi incident iehor mal-gustizzja. Ghalhekk din il-Qorti hi propensa li tapplika l-Artikoli 22(1) u 24(1) tal-Kap. 446.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi tilqghu limitatament ghall-parti li tirrigwarda l-piena inflitta u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

(1) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti sittax-il xahar prigunerija sospizi ghall-periodu ta' tlett snin kif ukoll fejn obbligatha (skond l-Artikolu 28H tal-Kap. 9) sabiex fi zmien sitt xhur tirrestitwixxi lis-socjeta` England Insurance Limited is-somma ta' Lm337.64, u minflok, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tillibera lill-appellanti bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum; u inoltre, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 24(1) ta' l-istess Kap. 446, tordna lill-hatja Joanne Cassar sabiex thallas lis-socjeta` England Insurance Agency Limited is-somma ta' tlett mija u sebgha u tletin lira u erbgha u sittin centezmu (Lm337.64) bhala kumpens ghal telfien li garrbet l-istess socjeta` minhabba l-agir ta' l-appellanti; u

(2) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------